MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 179/2007

**Construction & Demolition Waste Limited (C32351)**

**vs**

**Ciantar Construction Limited (C29342)**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mija u disgha u erbghin Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM4,149.31,0), liema soma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' *charges* ghal rimi ta' materjal fil-propjeta` tas-socjeta` attrici kif jidher mill-istatement hawn anness bhala Dok.A;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Novembru 2006 u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Settembru tas-sena 2006 sal-pagament effettiv kontra**

**s-socjeta' konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-14 ta' Mejju tas-sena 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erbat elef mija u tlieta u disghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM4,149.31,0) ekwivalenti ghal disat elef sitt mija u hamsa u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€9,665.29).**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------